A.L. 134 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet għal Servizzi mill-Ispettorat tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet għal Servizzi mill-Ispettorat tas-Saħħa.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma' tkunx teħtieġ xort'oħra –

Kap. 449.

"ikel" għandha l-istess tifsira bħal ma għandha fl-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Drittijiet dovuti.

3. (1) Id-drittijiet msemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jinġabru mis-Suprintendent għas-servizzi msemmija fl-istess skeda.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, is-Suprintendent jista' f'kull żmien jirrifjuta li joffri xi servizz msemmi f'dik l-Iskeda.

(3) Id-drittijiet imsemmija fl-Iskeda huma mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li jista' jkun dovut għal servizzi oħra mogħtija mill-Ispettorat tas-Saħħa.

SKEDA

(Regolament 3)

Servizz	Dritt
1. Superviżjoni, kemm mitluba kemm mhix, waqt il-qerda ta' oġġetti ta' l-ikel.	Lm10 għall-ewwel 10 kg u Lm5 għal kull 10 kg addizzjonali jew parti minnhom, sa l-ogħla ammont ta' Lm200.
2. Teħid ta' kampjuni u analiżi ta' ilma talbir, minbarra dawk il-kampjuni li s-Suprintentent iqis bħala li huma bżonnjużi li jittieħdu bil-għan ta' xi investigazzjoni.	Lm15 kull kampjun.
3. Ħruġ ta' Ċertifikat tas-Saħħa għall-Esportazzjoni mill-uffiċċju msemmi mis-Suprintendent bħala li għandu joħroġ dak iċ-ċertifikat.	Lm25 kull ċertifikat.
4. Żjarat f'postijiet ta' l-ikel jew postijiet ta' l-ikel proposti għal skop ta' konsultazzjoni dwar il-liġijiet fuq l-iġjene ta' l-ikel f'postijiet ta' l-ikel, barra minn dawk il-konsultazzjonijiet skond il-paragrafu 5 ta' din l-Iskeda u parir mogħti konformement ma' spezzjoni magħmula skond l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Iżda, rapport bil-miktub rigward il-konsultazzjoni irid jingħata meta hekk mitlub.	Lm10 kull żjara f'dawk il-postijiet ta' l-ikel.
5. Żjarat f'postijiet ta' l-ikel jew postijiet ta' l-ikel proposti għal skop ta' konsultazzjoni fuq il-ħtiġiet tal-liġi dwar l-iġjene ta' l-ikel meta dik il-konsultazzjoni tingħata skond liċenza talkummerċ jew applikazzjoni tal-MEPA.	Lm10 kull żjara f'dawk il-postijiet ta' l-ikel wara t-tieni żjara.
6. Ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' post ta' l-ikel skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Postijiet ta' l-Ikel (A.L. 180 ta' l-2001), meta dan iċ-ċertifikat ikun hekk mitlub.	Lm5 kull ċertifikat.